DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' Diċembru 2011

dwar kontribuzzjoni finanzjarja addizzjonali tal-Unjoni għall-2006 u l-2007 biex tkopri n-nefqa mġarrba mill-Portugall bl-iskop li jiġi miġġieled il-*Bursaphelenchus xylophilus* (Steiner et Buhrer) Nickle *et al.* (nematodu tal-injam tal-arżnu)

(notifikata bid-dokument numru C(2011) 9247)

(It-test bil-Portugiż biss huwa awtentiku)

(2011/851/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti u l-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità [1], b'mod partikolari l-Artikolu 23(6) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/923/KE [2] approvat kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għal programm ta' miżuri introdott mill-Portugall li għandu l-għan li fl-2006 u l-2007 jikkontrolla l-firxa tal-*Bursaphelenchus xylophilus* (Steiner et Buhrer) Nickle *et al.* (nematodu tal-injam tal-arżnu) milli jinfirex lejn Stati Membri oħra. Il-miżuri kienu jikkonsistu mill-ħolqien ta' settur li jkun ħieles mis-siġar kollha li jospitaw il-vettur tan-nematodu tal-injam tal-arżnu, minn issa'l quddiem imsejjaħ "il-faxxa ta' konteniment fitosanitarju" (clear cut belt).

(2) Il-kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija mid-Deċiżjoni 2006/923/KE kienet imsejsa fuq il-programm għal aktar azzjonijiet għan-nematodu tal-injam tal-arżnu (minn issa'l quddiem: PWN) u l-istima tal-baġit li tirreferi għal dan il-programm kif imressaq mill-Portugall lill-Kummissjoni fit-28 ta' Lulju 2006.

(3) Il-ħlasijiet finali lill-Portugall konnessi mal-azzjonijiet stipulati fid-Deċiżjoni 2006/923/KE saru f'Ġunju 2008.

(4) Il-Portugall għarraf lill-Kummissjoni fit-28 ta' Settembru 2007 u ressaq dokumenti ġustifikattivi fit-30 ta' Ġunju 2009 li wrew li n-nefqa relatata mal-ħolqien ta' faxxa ta' konteniment fitosanitarju kienet taqbeż sew l-istima mressqa f'Lulju 2006. F'dan ir-rigward huwa ressaq talba oħra għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għal nefqa addizzjonali ta' EUR 10 230 256,59. Is-sottostima inizjali kienet minħabba diversi fatturi, inkluża sottostima ta' għadd ta' siġar kbar li jospitaw in-nematodu tal-injam tal-arżnu, il-perċentwal żgħir ta' sigar li jospitaw in-nematodu tal-injam tal-arżnu maqtugħa mis-sidien tagħhom u n-noninklużjoni tal-ispejjeż li se jsiru għall-qtugħ tas-siġar żgħar li jospitaw dan in-nematodu msemmi.

(5) F'Lulju 2010, il-Kummissjoni wettqet verifika dwar it-tagħrif ikkomunikat mill-Portugall fit-30 ta' Ġunju 2009. Wara l-eżami tad-dokumenti ġustifikattivi kollha għat-talba addizzjonali, ir-rapport ta' verifika kkonkluda li seta' jiġi vvalidat ammont eliġibbli ta' EUR 5 314 851,15 ta' fatturi mħallsa (inklużi l-ispejjeż ta' koordinazzjoni)

(6) Billi l-miżuri inklużi fil-talba addizzjonali huma tal-istess natura u jimmiraw lejn l-istess skop bħall-miżuri tad-Deċiżjoni 2006/923/KE, huwa xieraq li tiġi allokata l-istess rata ta' kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni bħal fid-deċiżjoni, jiġifieri rata ta' 75 %.

(7) Skont l-Artikolu 3(2)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni [3], il-miżuri għassaħħa tal-pjanti huma ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija. Għall-finijiet ta' kontroll finanzjarju ta' dawn il-miżuri, għandhom japplikaw l-Artikoli 9, 36 u 37 tar-Regolament imsemmi hawn fuq.

(8) Skont l-Artikolu 75 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [4] u l-Artikolu 90(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [5], l-impenn tan-nefqa mill-baġit tal-Unjoni għandu jkun ippreċedut minn deċiżjoni ta' finanzjament adottata mill-istituzzjoni li għaliha jkunu ġew iddelegati l-poteri, filwaqt li jiġu stipulati l-elementi essenzjali tal-azzjoni li tinvolvi n-nefqa.

[1] ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1.
[2] ĠU L 354, 14.12.2006, p. 42.
[3] ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.
[4] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
[5] ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1.

(9) Id-deċiżjoni preżenti tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament għan-nefqa mressqa fit-talbiet ta' kofinanzjament ippreżentati mill-Istati Membri.

(10) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-prinċipju

L-allokazzjoni ta' kontribuzzjoni finanzjarja supplementari tal-Unjoni biex tkopri n-nefqa mġarrba mill-Portugall fl-2006 u l-2007 għall-ħolqien ta' faxxa ta' konteniment fitosanitarju u dan biex jiġi miġġield in-nematodu tal-injam tal-arznu, hija b'dan approvata.

Artikolu 2

L-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni

Il-kontribuzzjoni finanzjarja supplimentari massima tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1 hija ta' EUR 3 986 138,36.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Portugiża.

Magħmul fi Brussell, il-12 ta' Diċembru 2011.

Għall-Kummissjoni

John DALLI

Membru tal-Kummissjoni